## 4 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri., B.Litt., LL.D.

Joseph Albanese et. *versus* Michelina Sarè et.

**Pagament — Surrogazzjoni — Delegazzjoni — Prova — Danni — Imgħax — Depożitu — Art. 1208, 1175 (1), 1176, 1076, 1182, u 1184 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min iħallas dejn ta' ħadd ieħor jidħol fid-drittijiet tal-kreditur, u jidħol fil-pożizzjoni tiegħu; u għalhekk, avvolja min iħallas id-dejn jiġi surrogat f'somma fissa, mingħajr imgħax, hu jissubentra fid-drittijiet tal-kreditur li ġie mħallas; u jekk il-kreditu kien produttiv ta' imgħax, is-surrogat għandu dritt ukoll għall-interessi fuq il-kreditu tiegħu.*

*In kwantu għall-obligu tal-prova dwar ta' min kienet il-ħtija li d-dejn ma tħallasx, għandha ssir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur tal-obligazzjoni. Il-kreditur għandu jipprova l-inademjiment tad-debitur; wara li tkun saret din il-prova, jaqa' fuq id-debitur il-piż li jipprova li dak l-inademjiment kien dovut għal xi ħaġa barranija li tagħha hu ma kienx responsabbli, jiġifieri li hu ma kellux ħtija, billi uża bid-diliġenza tal-"bonus pater familias". Jekk dik il-prova ma ssirx, id-debitur ikun fi ħtija, u jidħol responsabbli għad-danni.*

*Dwar id-danni, fil-każ li l-obligazzjoni jkollha bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, jikkonsistu fl-imgħax tal-5%, meta l-obligazzjoni ma tkunx ta' natura kummerċjali, li, barra fil-każ ta' obbligazzjoni kummerċjali, f'liema każ il-liġi tiddikjara li għandhom jgħaddu "ipso jure", jibdew jiddekorru mill-ġurnata tal-interpellazzjoni ġudizzjarja.*

*Bis-saħħa ta' dawn il-prinċipji, min jaċċetta delegazzjoni, li jħallas dejn ta' ħadd ieħor bil-prezz ta' fond li jkun xtara, hu obligat jagħti dan id-dmir tiegħu bla dewmien u bid-diliġenza tal-"bonus pater familias"; u fil-każ li jsib xi ostakoli għall-ħlas, għandu jgħaddi għad-depożitu ġudizzjarju. Diversament, jonqos mill-impenji tiegħu kontrattwali, u jidħol responsabbli għad-danni; u ma jistax jeħles mill-ħlas tal-imgħax billi jallega li ma kienetx ħtija tiegħu li d-dejn ma tħallasx.*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi b'kuntratt publikat min Nutar Dottor Rosario Frendo Randon fit-30 ta' Ġunju, 1938 (dok. A) l-imsemmi Giovanni Sarè, ma-ˈul iż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta Michelina, kien xtara minn għand l-imsemmija Maria armla minn Antonio Albanese bħala użufruttwarja, u minn għand l-atturi aħwa Albanese bħala eredi benefiċjati tal-fuq ċitat Prokuratur Legali Mousù għan-nuda proprjetà, l-utili dominju perpetwu tad-dar u mezzanin numri 216 u 217 Strada San Nicola, Cospicua, bil-prezz ta' £240; u peress illi fuq l-imsemmi att ma sar ebda pagament ta' prezz, iżda l-kumpratur aċċetta li jħallas, b'delegazzjoni u surroga ta' drittijiet, l-ammonti hemm indikati, u fil-fatt ħallas £3. 13. 10 spejjeż tal-att u £74. 12. 1 lill-eredi ta' Maria Grech fl-atti tan-Nutar Dr. Rosario Frendo Randon ta' l-1 ta' Awissu, 1938, (dok. B.), b'mod illi l-istess Giovanni Sarè fadallu bilanċ f'idejh ta' £161·14.1; u peress illi, skond l-istess att ta' bejgħ tat-30 ta' Ġunju 1938, dana l-bilanċ kellu jinżamm mill-istess kumpratur sakemm jiġi deċiż jekk il-kreditu favur il-Bankier Giovanni Scicluna garantit b'ipoteka numru 4698 tas-sena 1908 huwiex estint, u wara din id-deċiżjoni kellu jitħallas mill-kumpratur, b'delegazzjoni tal-venditur, lill-persuna jew persuni li dawn jindikawlu; u peress illi dina l-inskrizzjoni ipotekarja numru 4698 tas-sena 1908 ma għadiex teżisti, billi ġiet imħassra permezz ta' nota mdaħħla fir-Reġistru Publiku fil-Volum "R", li ġġib innumru 957 tas-sena 1946 (dok. C); u peress illi, permezz ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannar 1947 (dok. D), u oħra tat-13 ta' Diċembru 1947 (dok. E), il-konvenuti ġew interpellati inutilment biex, prevja surroga ta' drittijiet, jħallsu lill-instanti Dottor Mifsud Speranza l-imsemmi bilanċ ta' £161. 14. 1, in soddisfazzjon tal-kreditu naxxenti favur tiegħu mill-kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Rosario Frendo Randon fit-2 ta' Mejju 1930, u bħala l-ewwel kreditur ipotekarju tal-fuq imsemmi Prokuratur Legali Francesco Saverio Mousù, kif jirriżulta dan mir-riċerki hawn uniti (dok. F), kif jekk hemm bżonn jiġi dikjarat, in vista

il-atturi aħwa Albanese personalment mhumiex jinsistu fuq drittijiet tagħhom pożizzjoni li l-konvenuti jiġu mihn dina l-Qorti kundannati li jħallsu lill-instanti Dottor Misud Speranza l-ammont fuq imsemmi ta' £161. 14. 1, oltre l-imgħax tal-ħamsa fil-mija (5%) fis-sena mit-28 ta' Jannar, 1947, okkorrendo bħala danni, kull wieħed minnhom skond l-interess li jirriżulta fil-kawża, previa surroga fid-drittijiet ta' dan, u previju l-koll il-kunsens tal-atturi aħwa Albanese, bħala werrieta tal-ġenituri tagħhom u subentratti fid-drittijiet ipotekarji ta' dawn kontra l-wirt ta' l-istess Prokuratur Legali Mousù; billi dana l-pagament isir l-ewwel a saldu tal-bilanċ ta' kapital dovut, skond l-anness prospett hawn uhit (dok. G) (salv l-aġġornament relattiv sal-ġurnata tal-pagament effettiv); u l-bilanċ li jifdal lill-istess aħwa Albanese bħala subentrati fid-drittijiet tal-ġenituri tagħhom, previja surroga tal-konvenuti f'dawn id-drittijiet; billi għall-oġġett ta' dana l-pagament jiġi nominat Nutar biex jirċievi l-att opportun, u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittri uffiċjali fuq riferiti, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Illi l-konvenuti, għad li fl-eċċezzjonijiet tagħhom stqarru li huma pronti biex iħallsu, sew fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet, sew fin-noti tagħhom fol. 49 u fol. 55, issollevaw diversi kwistjonijiet li bihom jippretendu li huma ma kienux u mhumiex ġustifikati jħallsu l-ammont reklamat fiċ-ċitazzjoni. Liema kwistjonijiet hu xieraq li jiġu eżaminati separatament;

*Omissis;*

Illi kwistjoni oħra qanqlu l-konvenuti, billi jippretendu illi, kwantu għall-inskrizzjoni ipotekarja 3915/1904 (in segwitu rinnovata I. R. 48/1930), l-Avukat Musud Speranza gie surrogat biss għas-somma ta' £90.3.6, mingħajr imgħax, peress li l-ammont kien ġie mħallas minn Ester Diacono u Clotilde Grixti per saldu. Hawn ta' min josserva li minn dik l-inskrizzjoni (fol. 26) jirriżulta illi l-imsemmijin Diacono u Grixti kienu ssurrogaw lill-Avukat Musud Speranza fl-*imsemmija somma ta' £90.3.6, "nella detta inscrizione"*, i.e. no. 3915 tal-1904, li kienet tikkawtela anki l-imgħax.

Issa, hu magħruf li min iħallas id-dejn jidħol fid-drittijiet tal-kreditur (art. 1208 Kod. Civ.), u *jidħol fil-pożizzjoni tiegħu. Minn hawn*, kif jgħid Antonio Butera, "il-surrogato esercita tuuti i diritti del surrogante, siano principali che accessori, personali o reali, *non solo* di fronte al debitore, ma anche rispetto ai condebitori ed ai terzi...... il diritto acquistato dal surrogato è quello stesso che già apparteneva *al surrogante* ...... Così *è manifesto che il diritto* presso il nuovo titolare produce gli stessi interessi convenzionali ed è colpito dalla medesima *prescrizione*" (Digesto Italiano, Surrogazione, Pagamento con, § 90). U kien għalhekk illi l-Giorgi kkonkluda illi "circa della surrogazione...... l'azione *derivante dalla surroga va intesa*, di regola, in senso latissimo ...... e comprende tutti quei diritti che il surrogante aveva in ragion del credito anche contro i *terzi non tenuti nè personalmente* nè realmente al pagamento" (Obbligazioni VII, §245, paġ. 304). Konsegwentement anki *dina l-pretensjoni tal-konvenuti mhix* fondata;

*Omissis;*

Illi *minn dana* jidher illi l-konvenuti ma kienux ġustifikati *ma* jeżegwux id-delegazzjoni u jħallsu s-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni;

*Illi* però, fin-nota *tagħhom fol.* 49, il-konvenuti jsostnu li ma għandhomx ibatu l-ħlas ta' l-interessi *reklamati* fiċ-ċitazzjoni, peress li l-pagament ma sarx mhux ħtija tagħhom. Hawn tqum il-kwistjoni ta' min għandu jagħmel il-prova. F'dan ir-rigward jeħtieġ issir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur tal-obligazzjoni. *Il-kreditur* għandu jipprova l-inadempjenza tad-debitur, li tista' tikkonsisti anki f'sempliċi dewmien; għandu jiddimostra fatt li fih innifsu *jkollu l-impronta tal-ħtija tad-debitur*. Issa, jgħid Giorgi, "tra tali fatti......... occupa il primo posto l'inadempimento; la prova generica è sufficiente" (Obbligazioni II, §33). Wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneri illi jipprova li dak l-inadempiment kien dovut għal xi *ħaġa barranija* ("*causa* estranea") li tagħha huwa ma kienx responsabbli, jiġifieri illi huwa ma kellux ħtija billi kien mexa bid-diliġenza *ta' "bonus pater familias". Dan huwa* s-sistema adottat mill-liġi tagħna (art. 1175 (1) u art.

1076 Kod. Ċiv.). Jekk imbgħad id-debitur ma jasalx għal dina l-prova, huwa jkun fi ħtija u jidħol responsabbli għad-danni (art. 1074 Kod. ċit.); u f'każ ta' obbligazzjoni li jkollha bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien ta' l-eżekuzzjoni tagħha, meta l-obligazzjoni ma tkunx ta' natura kummerċjali, jikkonsistu fl-imgħax tal-5% fis-sena (art.1182 Kod. ċit.), illi (barra fil-każ ta' obbligazzjoni kummerċjali, u fil-każ li l-liġi tiddikjara li għandhom jgħaddu "ipso jure") jibdew jiddekorru mil-ġurnata ta' l-interpellazzjoni b'att ġudizzjarju (art. 1184 Kod. ċit.);

Illi, fil-każ taħt eżami, l-atturi ppruvaw il-fatt ta' l-inadempiment tal-konvenut peress li llum la ħallsu u lanqas iddepożitaw l-ammont in kwistjoni; mentri, għall-kuntrarju, il-konvenuti ma rnexxielhomx jippruvaw l-eżistenza ta' kawża estranea li ma ħalliethomx jeżegwixxu d-delegazzjoni assunta mill-awtur tagħhom. Irriżulta infatti illi, qabel ma saret l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannar 1947, il-kontendenti kienu resqu għall-kuntratt, u illi l-kwistjonijiet kollha ġew sollevati wara. Sadattant il-konsulent legali tal-konvenuti, l-Avukat Dottor Carmelo Caruana, kien eżamina l-passivitajiet ta' l-awtur ta' l-atturi, P. L. Francesco S. Mousù, u ladarba kien sejjer isir il-kuntratt ma kienx sab, preżumibilment, ebda tfixkil. Veru illi, in segwitu, il-konvenuti ġew konsultati b'mod ieħor mill-patroċinatur attwali; iżda minn dak li fuq intqal, il-kwistjonijiet sollevati ma rriżultawx bażati, la fil-fatt u lanqas fil-liġi; u ta' dan l-aġir tagħhom ma għandhomx ibatu l-konsegwenza l-atturi. Jekk, imbgħad il-konvenuti kienu jaħsbu li minħabba l-punti sollevati d-delegazzjoni ma setgħetx tiġi minnhom ademnita, huma kien imisshom jiddepożitaw il-flus taħt l-awtorità tal-Qorti, u mhux igawdu l-imgħax tagħhom, barra mill-frutti tal-fond akkwistat b'dawk il-flus mill-awtur tagħhom. Min jaċċetta delegazzjoni li jħallas id-dejn ta' ħadd ieħor bil-prezz ta' fond li jkun xtara, obligat jaqdi dan id-dmir bla dewmien u bid-diliġenza ta' "bonus pater familias"; u fil-każ li jsib xi ostakolu għandu jgħaddi għad-depożitu ġudizzjarju; diversament jonqos mill-impenji tiegħu kontrattwali u jidħol responsabbli għad-danni (ara f'dan is-sens Kollez. XXIX-I-806);

Illi konsegwentement il-konvenuti għandhom iħallsu, in linea ta' danni, lill-atturi Albanese l-imgħaxijiet ta' 5% fis-sena mill-interpellazzjoni uffiċjali tat-28 ta' Jannar, 1947;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' d-domandi tal-atturi, bil-modalitajiet li bihom jinsabu formulati; u għall-finijiet tat-tieni domanda fordna li l-att relattiv jiġi publikat f'waħda mill-awli tal-Qrati Superjuri fit-18 ta' Marzu 1955, fit-3 p.m., minn Nutar Alexander Grech, bl-intervent ta' l-Avukat Dottor Herbert Ganado bħala kuratur biex jirrapprezenta lill-kontumaċi f'dak l-att;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti, barra minn dawk ta' l-imsemmi Nutar għall-publikazzjoni tal-kuntratt li għandhom jitħallsu mill-atturi Albanese.